

Brussell, 3 ta' Mejju 2019
(OR. en)

8763/19

JEUN 64
EDUC 221
SOC 330
EMPL 245

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru. dok. preċ.: 8308/19 + COR1	
Suġġett:	Iż-żgħażaġh bħala aġenti tad-demokrazija fl-UE - Dibattitu ta' orjentazzjoni

Wara konsultazzjonijiet tal-Grupp ta' Ħidma dwar iż-Żgħażaġħ, il-Presidenza ħejjiet id-dokument ta' diskussjoni meħmuż, li huwa ppreżentat bħala l-bażi għad-dibattitu ta' orjentazzjoni tal-Ministri għaż-Żgħażaġħ li ser isir fil-laqgħa tal-Kunsill Edukazzjoni, Żgħażaġħ, Kultura u Sport fit-22 u t-23 ta' Mejju 2019.

Kunsill EYCS (Brussell, 22 ta' Mejju 2019) - Dibattitu ta' orjentazzjoni dwar iż-żgħażaġh**Iż-żgħażaġh bħala aġenti tad-demokrazija fl-Unjoni Ewropea****- Dokument ta' diskussjoni tal-Presidenza -*****1. Iż-żgħażaġh u d-demokrazija***

Id-demokrazija hija waħda mill-prinċipji fundamentali li fuqhom twaqqfet l-UE u li abbażi tagħhom jaħdmu l-istituzzjonijiet tagħha. Il-konsolidazzjoni tad-demokrazija u l-appoġġ għaliha huma kruċjali biex jiġi żgurat il-benessri taċ-ċittadini tal-UE.

Rigward iż-żgħażaġh u d-demokrazija, ir-relazzjoni tal-UE maż-żgħażaġh hija ggwidata prinċipalment mill-Artikolu 165 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-UE, li jiddikjara li "l-azzjoni tal-Unjoni għandha tkun immirata lejn (...) l-inkoraġġiment tal-parteċipazzjoni taż-żgħażaġh fil-ħajja demokratika tal-Ewropa". F'konformità ma' dawn id-dispożizzjonijiet, l-Istrateġija tal-UE għaż-żgħażaġh 2019-2027 għandha l-għan li trawwem il-parteċipazzjoni taż-żgħażaġh fil-ħajja demokratika u tirreferi wkoll għall-"mod kif jaħdmu d-demokraziji tagħna", l-"esklużjoni soċjoekonomika u dik demokratika", u għal "defiċits demokratiċi fil-proċessi tal-UE"¹. Dawn il-kwistjonijiet kollha għandhom jiġu indirizzati billi jiġu stabbiliti konnessjonijiet maż-żgħażaġh bil-ħsieb li tissaħħaħ il-fiduċja tagħha fid-demokrazija bħala sistema ta' gvern li twassal għal riżultati konkreti għaż-żgħażaġh u tfittex li tinvolvihom.

Għalkemm għadha pjuttost baxxa f'termini assoluti, mill-perspettiva tar-rata ta' votanti fl-elezzjonijiet, jidher li l-parteċipazzjoni qed tiżdied fost iż-żgħażaġh, u filwaqt li qed nistennew b'interess konferma ta' din it-tendenza fl-elezzjonijiet Ewropej li jmiss, huwa daqstant importanti li wieħed iħares lil hinn minn dan. Żgur li ż-żgħażaġh qed iħarsu lil hinn mill-elezzjonijiet, jekk titqies ir-rieda dejjem akbar tagħhom li jinvolvu ruħhom aktar fl-attivitajiet tal-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh, l-NGOs u saħansitra l-partiti politiċi - għalkemm il-livelli ta' sħubija għadhom pjuttost baxxi. Barra minn hekk, il-volontarjat, speċjalment dak li jiffoka fuq il-komunità lokali, sar attività aktar attraenti għaż-żgħażaġh.

¹ Strateġija tal-Unjoni Ewropea għaż-Żgħażaġħ, ĠU C 456, 18.12.2018

Dawn il-fatturi juru biċ-ċar li l-ġenerazzjonijiet taż-żgħażaġh tal-lum mhumiex apatiċi. Madankollu, f'dak li jikkonċerna l-fehmiet tagħhom dwar l-oqsma ta' azzjoni li, pereżempju, l-UE jeħtieġ li tagħtihom prijorità, il-parteeipazzjoni demokratika taqa' lura wara l-edukazzjoni u l-ħiliet, il-protezzjoni tal-ambjent u l-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima, l-impjiegi, il-migrazzjoni u l-kwistjonijiet tar-refuġjati². Dan ma jfissirx neċessarjament li ż-żgħażaġh mhumiex interessati fid-demokrazija. Pjuttost il-kuntrarju: tmienja minn għaxar żgħażaġh Ewropej jemmnu li għandu jingħata appoġġ lill-programmi edukattivi li jippromwovu l-ħsieb kritiku u edukazzjoni aħjar dwar id-drittijiet u r-responsabbiltajiet taċ-ċittadini tal-UE, u l-funzjonament tal-UE u l-istituzzjonijiet tagħha - kollha elementi ċentrali biex ikun żgurat il-funzjonament bla xkiel ta' demokrazija moderna³.

Fid-dawl ta' dan t'hawn fuq, wieħed għandu jagħraf li ż-żgħażaġh għandhom għal qalbhom id-demokrazija, iżda huma meħtieġa aktar sforzi sabiex din tkun aktar qrib tagħhom. Aktar minn hekk, jeħtieġ li ż-żgħażaġh iħossuhom inklużi u jkun jista' jkollhom rwol attiv fil-ħajja demokratika tal-UE u tal-Istati Membri. Iżda sabiex jinkiseb dan, jeħtieġ li jitqiesu diversi aspetti.

2. Kif nistgħu inħeġġu liż-żgħażaġh biex jipparteċipaw aktar fil-ħajja demokratika tal-UE

a) Il-ġibda lejn narrattivi politiċi alternattivi

In-narrattiva li tiffoka fuq id-demokrazija, id-drittijiet fundamentali tal-bniedem u d-djalogu interkulturali x'aktarx tiflew l-appoġġ fi klima ta' inċertezza materjali u diffikultà (qgħad għoli u persistenti, faqar fost min għandu xogħol, probabbiltà baxxa ta' mobbiltà soċjali, eċċ.), speċjalment jekk il-gvernijiet demokratiċi jdumu wisq biex isibu soluzzjonijiet għal dawn l-isfidi. Għaldaqstant ma jkunx sorprendenti jekk iċ-ċittadini, irrispettivament mill-età tagħhom, jagħtu widien lil min jgħid li għandu soluzzjonijiet faċli għall-problemi soċjali u ekonomiċi tal-lum.

Issa, bis-saħħa ta' konnettività ġdida u flussi ġodda ta' informazzjoni li jippermettu li tinxtred id-diżinformazzjoni, huwa aktar faċli li wieħed jisfrutta l-frustrazzjonijiet tan-nies. Huwa għalhekk ta' importanza kruċjali li tingħata aktar attenzjoni għal kif jiġu fformulati, ikkomunikati u implimentati l-għażliet ta' politika.

² Flash Eurobarometer 455, European Youth (2017). Stħarriġ imwettaq minn TNS political & social fuq talba tal-Kummissjoni Ewropea, Direttorat Ġenerali għall-Edukazzjoni, iż-Żgħażaġħ, l-Ispport u l-Kultura

³ Ibid 2.

b) Forom ġodda u li qed jinbidlu ta' setgħa u ta' parteċipazzjoni fost iż-żgħażaġh

Minkejja t-titjib reċenti msemmi hawn fuq, għad hawn il-perċezzjoni li qed nittrattaw ġenerazzjoni żagħżuġha li b'xi mod hija diżimpenjata mill-forom tradizzjonali ta' parteċipazzjoni fit-teħid ta' deċiżjonijiet (votazzjoni, partiti politiċi, organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh, parteċipazzjoni f'dibattiti pubbliċi eċċ.). Il-votazzjoni f'intervalli regolari tista' ma tkunx mod biżżejjed biex iż-żgħażaġh ikunu involuti fit-teħid ta' deċiżjonijiet u l-valuri li jiddefinixxu l-istruttura tradizzjonali tas-setgħa mhux neċessarjament ikunu attraenti meta mqabbla ma' alternattivi aktar preferibbli⁴:



Dawn il-forom ġodda ta' setgħa u parteċipazzjoni żgur iqajmu dubji dwar kemm huma rappreżentattivi s-sistemi ta' teħid ta' deċiżjonijiet u ta' governanza.

⁴ Alex Farrow, Youth Participation: Closer to the Edge of Participation and Activism, SALTO Think Tank on Youth Participation, Tallinn, 2018, disponibbli hawn.

c) L-użu u l-influenza tat-teknoloġija

Teknoloġji ġodda jagħtu wkoll il-possibbiltà li titnaqqas id-distanza bejn iċ-ċittadini u l-istituzzjonijiet tal-gvern u jippermettu komunikazzjoni rapida u espressjoni ta' opinjonijiet b'mod rapidu. Il-ġenerazzjonijiet żagħżugħa ġeneralment iħossuhom komdi jużaw l-għodod tal-media soċjali, li huwa punt tajjeb tagħhom li jeħtieġ li jitqies.

Madankollu, jeħtieġ li tintefa' aktar enfasi fuq:

- id-distakk diġitali fost iż-żgħażaġh u l-ħtieġa li dan jingħeleb;
- l-ġheluq taċ-ċirku ta' komunikazzjoni - iż-żgħażaġh jiġu kkonsultati, jesprimu ruħhom u jieħdu sehem fit-teħid tad-deċizzjonijiet, iżda jeħtieġ ukoll li r-riżultati jiġu kkomunikati lura lilhom u li anke d-diskussjoni favur deċizzjoni ssir b'mod adatt għaż-żgħażaġh;
- il-parteċipazzjoni diġitali, li m'għandhiex il-mekkaniżmi li għandhom il-forom aktar tradizzjonali ta' parteċipazzjoni biex ikunu żgurati kwalità u komunikazzjoni.

3. **Mistoqsijiet għad-dibattitu ta' orjentazzjoni ministerjali**

Waqt id-dibattitu ta' orjentazzjoni li għandu jsir waqt il-laqgħa tal-Kunsill Żgħażaġħ fit-22 ta' Mejju, il-ministri huma mistiedna jindirizzaw il-kwistjonijiet li tqajmu f'dan id-dokument. Għal dan, jista' jkun li jixtiequ jwieġbu għall-mistoqsijiet li ġejjin:

1. **X'jistgħu jagħmlu l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet tal-UE biex iwieġbu għall-isfidi enfasizzati f'dan id-dokument, bil-ħsieb li jitrawwem l-impenn fost iż-żgħażaġh lejn il-prinċipji demokratiċi?**
2. **Meta jitqiesu l-punti tajbin, l-interessi u l-profil tal-ġenerazzjonijiet żagħżugħa tal-lum, liema miżuri jkun l-aktar effettivi biex tiżdied il-parteċipazzjoni tagħhom fil-ħajja demokratika tal-UE u l-Istati Membri tagħha?**